10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 29**

**21 ta' Ottubru 2025**

Il-laqgħa numru 29 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-21 ta' Ottubru 2025 fil-16.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Steven Sultana

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Joe Vella

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Ħadd

**ASSENTI:**

Is-Sur Darren Grech

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

## 2 Ġimgħa Santa Venera

Is-Sindku qal li wara li sena l-oħra kien jinħass~~inħass~~ li l-kunsill ma kienx involut biżżejjed fl-organizzazzjoni~~organiżżazzjoni~~ ta' Ġimgħa Santa Venera xtaq li jiddiskutu ċertu punti. Hu qal li kienu intbagħtu~~intbgħatu~~ emails minħabba kwotazzjonijiet għal involviment tal-għaqdiet. Hu flimkien mas-segretarju ra li kien hemm xi kwotazzjonijiet li kienu eċċessivi. Hu flimkien mas-segretarja iltaqgħu mar-rappreżentanti~~rapreżentanti~~ tas-soċjetà~~Soċjeta~~ Filarmonika Santa Venera f'laqgħa produttiva ħafna, fejn intlaħaq ftehim li is-soċjetà~~soċjeta~~ kienet ser tagħmel~~tgħamel~~ kemm il-marċ ta' filgħodu fl-iskola u kemm il-marċ ta' filgħaxija fil-14 ta' Novembru. Għal filgħodu kienu ser jinġabu~~jinġiebu~~ l-aljievi sabiex jingħataw l-opportunita li jdoqqu. Iż-żewġt baned kienu ser jiswew il-kunsill Euro 1700 + VAT. Fuq dan kien hemm qbil.

Is-Sindku qal li l-KFE għadhom ma bagħtux il-kwotazzjoni tagħhom u għalhekk il-kunsill ma setgħax jiddiskuti magħhom. Kif u meta tasal il-kwotazzjoni kienet ser tintbagħat~~tintbgħat~~ bl-email sabiex il-kunsill ikun infurmat.

Hawnhekk Stephen Sultana ġibed l-attenzjoni li skond ċirkulari~~ċirkularli~~ li kienet intbagħtet~~intbgħatet~~ xi żmien ilu 0.5% tal-allokazzjoni biss setgħet tintefaq~~tintnefaq~~ fuq Jum il-lokal. Roberta Sultana~~Sultant~~ ġibdet l-attenzjoni li l-14 ta' Novembru kien jum il-lokal għalhekk ma setgħax jissejjaħ il-festa tax-xitwa. Is-sindku ġibed l-attenzjoni li Jum il-Lokal kien isir fil-Jum li l-parroċċa tiċċelebra l-festa tax-xitwa u għalhekk peress li l-lokal iġib l-istess isem tal-patruna.

Is-Sindku qal li l-Għaqda tan-nar bagħtu kwotazzjoni imma din kienet għola minn kwotazzjoni oħra li kienet fil-pussess tal-kunsill. Għaldaqstant, il-kunsill qabel li tintalab kwotazzjoni mingħand il-għaqda tan-nar b'2 irdieden biss li tkun tinkludi kollox inkluż permessi u installazzjoni. Fuq il-kaxxa taċ-Ċinizi ġie deċiż li din tinġieb mingħand persuna li għalija kellna kwotazzjoni irħas.

Karl saqsa fuq in-nominazzjonijiet għal-persuna biex jintela' l-post vakanti fuq il-bord ta' Ġieh Santa Venera. Karl saqsa lis-sindku fuq kif l-ewwel ħareġ b'isem u li hu, Roberta Sultana u Joe Vella qablu fuqu ukoll, u għalhekk kien hemm diġà maġġoranza. Is-sindku wieġeb li wara li ra, is-suġġeriment ta' Darren Grech, u biddel fehmtu u qabel ma l-isem issuġġeriet minn Darren Grech, u għalhekk ġie magħżul dik il-persuna li issuġġerixxa Darren Grech.

Hawnhekk Silvio Vella talab li tiġi sospiża ftit il-laqgħa u s-sindku aċċetta. Wara ftit il-laqgħa reġgħet bdiet, u Karl saqsa hekk Silvio Vella ingħatax l-opportunita li jivvota, u Sindku ikkonferma li dan kellu kull opportunita li jwieġeb il-messaġġi kif ukoll l-emails li intbagħtu.

**Formatted:** Font: Not Bold

**Formatted:** Font: +Body (Calibri)

**Formatted:** Justified, Space After: 0 pt, Line spacing: 1.5 lines

**Formatted:** Font: +Body (Calibri), Bold

| | |
|---|---|
| Gianluca Falzon | Tiffany Abela |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |